MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 345/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Cassar)**
**Vs**
**Etienne John Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer fl-20 ta’ Settembru, 2009 u fis-snin ta’ qabel gewwa Malta, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fid-digriet taghha ta’ nhar it-12 ta’ Settembru 2004 li bih taghtu l-helsien mill-arrest taht garanzija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Settembru, 2009, li biha, wara li rat 579 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati ta’ l-

imputazzjoni dedotta kontrieh u kkundannatu ghal hames xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1) Illi l-piena nflitta hija wahda esagerata w kiefra;
2) Illi l-appellant bl-agir tieghu naqas li jottempra ruhu ma digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li nghata hames snin qabel. Sa certu punt l-appellant ma wera l-ebda sens ta' malizzja fl-azzjoni li ghamel peress li huwa kien isiefer ghal skopijiet ta' xoghol u dan minhabba li huwa ma ghandux xoghol iehor Malta. Ghandu jigi rilevat ukoll li genwinament l-appellant ma hasibx fil-konsegwenzi serji ta' l-azzjonijiet tieghu.

Semghet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] **,** **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F' dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi li tipprovdi ghall-piena massima ta' sitt xhur prigunerija oltre multa, fl-artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali.

F’ dan il-kaz l-appellant ikkommetta nuqqas gravissimu meta siefer minn dawn il-Gzejjer minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti w bi ksur ta’ wahda mill-kondizzjonijiet li tahthom inghata l-liberta’ provizorja. Dan fil-fehma ta’ din il-Qorti ma kienx xi nuqqas legger u ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ppunietu b’ piena karcerarja. Il-kondizzjonijiet imposti fl-ghoti tal-liberta’ provvizorja iridu jigu osservati skrupolozament  u l-ksur taghhom ma jistax jigi trattat b’ leggerezza mill-Qrati.

Is-sottomissjoni tal-appellant li hu siefer bla awtorizzazzjoni ghax sab impieg barra  minn Malta u kien ghalhekk li ma baqax jiffirma l-ghassa kif kien obbligat jaghmel, ma ghandha ebda validita’ bhala skuzanti w lanqas bhala skrminanti.

Hawn si tratta ta’ dizubbidjenza skjetta ghall-ordni tal-Qorti li kkoncedietlu l-liberta’ provizorja w ghalhekk il-lanjanzi ta’ *“crime does not pay”* li saru mill-appellant huma irrilevanti f dan il-kaz ghax hawn l-appellant ma ghandu bzonn ebda riforma. Li ghandu bzonn hu w kien li jobdi strettament il-kondizzjoni fuqu imposta mill-Qorti w xejn aktar. Hu invece ghazel li jinjora din l-ordni ghal kollox u jaghmel fattieh. Jekk ma hasibx fil-konsegwenzi ta’ dak li issa jista’ jiffaccja, dan kien nuqqas tal-appellant li zgur ukoll ma jiskuzahx. Kull ma kellu jaghmel l-appellant kien li jinkariga avukat biex jaghmillu rikors biex ikun jista’ jsiefer fuq xoghol w l-probabbilita’ kienet li jinghata tali permess - okkorrendo taht certi garanziji ulterjuri - kif solitu jsir. Minnflok ghamel hekk l-appellant ghazel li jsiefer baxx, baxx bla ma javza lill-hadd.

Ghalhekk l-appell huwa manifestament infondat u qed jigi michud u ghaldaqstant is-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------